**Kull jum ġdid Mulej**

Kull jum ġdid Mulej
Irkaptu kif ħa nsib?
Dil-ħajja x'inhi?
Kemm tlajja' u tislib.

Imma hu għalhekk
Li tibqa' sabiħa,
Int fit-tmun tagħha
Hi ħajja u sħiħa.

Int biss tagħtiha
It-tifsira tagħha,
Tfawwrilha t-tama
U kif tibqa' magħha.

B'hekk Mulej f'dawlek
Qalbi mimlija ferħ,
Għax naf li għandek
Hemm fuq li hemm is-serħ.

Mulej, hawn f'riġlejk
Illum, f'dan il-jum ġdid,
Nista' tassew ngħid
Li fik sibt il-ħabib.

Ma jkollix għalfejn
Nghidlek ħafna xorti,
Meta niżbalja
Qatt m'għamiltli qorti.

Lilek infittex
Ħdejk nistenna li ġej,
Inti tħaddanni
F'kull jum ġdid O Mulej.

Patri Mario Attard OFM Cap
29 ta' Novembru 2024

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen